*GILJOTTINA*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 t'Ottubru, 2001

**Numru: 28**
**Citaz. Numru: 1517/01/RCP**

**Vincent Cuschieri Limtied**

**vs**

**Francis Chetcuti u Clouds Catering Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sittax-il elf u tlettax-il lira u disghin centezmu (Lm16,013.90) ammont dovut import ta'

prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u bl-imghaxijiet kkalkolati sat-2 ta' Awwissu 2001 kollox kif jidher mill-annessi prospetti hawn immarkati DOK A u DOK B (statement), u,

Illi is-societa' konvenuta ggarantiet solidalment mal-konvenut l-iehor il-hlas tad-dejn tal-istess konvenuti, kif jidher mill-annessa dikjarazzjoni hawn annessa u immarkata DOK C,u

Illi interpellati diversi drabi sabiex ihallsu u minkejja hafna weghdiet il-konvenuti baqghu inadempjenti,

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huma applikabbli il-provvedimenti ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smigh;

2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' sittax-il elf u tlettax-il lira u disghin centezmu (Lm16,013.90) kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru ippresentati kontestwalment kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2001 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici  u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Ottubru, 2001 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux.  Il-kawza giet posposta.  Meta regghet issejhet il-kawza deher biss Dr Anthony Farrugia ghas-socjeta` attrici u dan kien fl-10.20a.m.  Il-konvenuti u d-difensur taghhom msejhin tlett darbiet ohra kull wiehed baqghu ma dehrux.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba** tas-socjeta` attrici b'dan illi:

2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' sittax-il elf u tlettax-il lira u disghin centezmu (Lm16,013.90) kollox kif intqaI fuq u ghar-ragunijiet premessi.

BI-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru ippresentati kontestwalment kontra I-konvenuti u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2001 sal-effettiv pagament kontra I-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**9 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Ottubru, 2001**